DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 80/2009

tat-3 ta' Lulju 2009

li temenda l-Anness II (Ir-Regolamenti tekniċi, l-istandards, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni) u tal-Anness XIII (Trasport) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 45/2003 tas-16 ta' Mejju 2003 ([1]).

(2) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 ([2]).

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/67/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE dwar tagħmir tal-baħar ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE) tal-Kapitolu XXXII tal-Anness II li jinsab mal-Ftehim:

"— **32008 L 0067**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/67/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 171, 1.7.2008, p. 16)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 56d (Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

"— **32008 L 0067**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/67/KE tat-30 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 171, 1.7.2008, p. 16)."

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 2008/67/KE bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2009, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni/Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 193, 31.7.2003, p. 14.
([2]) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 28.
([3]) ĠU L 171, 1.7.2008, p. 16.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.